MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 28/2000/1

**Avviz numru 28/2000**

**Coronato Camilleri**

**-vs-**

**Tas-Sajku Poultry Products Limited**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab illi s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata prevja d-dikjarazzjoni illi l-impjieg ta’ l-attur mas-socjeta’ konvenuta gie terminat minghajr l-ebda raguni valida, l-istess socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ mija u tmien liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm108.78) liema ammont huwa dovut bhala arretrati ta’ paga. Oltre dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta ghandha thallas ukoll lill-attur l-ammont dovut bhala *notice money*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-tmienja (8) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) u ta' l-ittra ufficjali tat-tmintax (18) ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija disgha u disghin (1999).

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont dovut ma jeccedix l-erba' mitt lira Maltin (Lm400).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-attur ma tkecciex mill-impjieg mas-socjeta' attrici izda kien hu li abbanduna l-impjieg tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza m'humiex in kontestazzjoni fis-sens li huwa accettat li l-attur kien impjegat bhala labourer mas-socjeta' konvenuta sakemm sehh l-incident u jikkostitwixxi r-raguni ghaliex spicca mix-xoghol. Huwa f'dan l-ahhar kuntest li l-kontendenti ma jaqblux stante li l-attur isostni li huwa tkecca mentri s-socjeta' konvenuta targumenta li kien l-attur li abbanduna x-xoghol.

Huwa hawnhekk ferm opportun li jigi notat li hi din il-kontenzjoni tas-socjeta konvenuta, li kien l-attur li abbanduna x-xoghol u mhux keccitu li ghandha l-importanza taghha billi timpingi direttament fuq il-meritu. Dan hu hekk stante illi l-fattur ta' l-abbandun ifisser, xejn aktar, fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet taghha, illi l-ammont

pretiz mill-attur bhala paga huwa fondat. Il-fattur ta' l-abbandun ghandu, f'kull kaz, ir-riljev u r-rilevanza tieghu, fil-kwistjoni tan-"notice money" stante illi f'kaz li verament kien hemm l-abbandun ebda "notice money" m'hu dovut izda mhux fl-oppost jigifieri jekk kien hemm it-tkeccija bla raguni valida.

L-attur spjega (fol 29) li wara l-incident li kien inqala', u allura spicca mix-xoghol kien mar ghall-paga li kienet dovuta lilu u meta kien qieghed ivverifika l-ammont sab li kien thallas bin-nieqes. L-attur kompla stqarr hekk: "meta tkellimt biex nivverifika ghaliex kienu tawni ammont inqas minn dak dovut lili bhala paga, cemplitli l-mara ta' l-imghallem u qaltli li kienu naqqsuli n"-notice money" talli kont tlaqt minn fuq ix-xoghol ..... peress illi jiena bqajt ma thallastx is-somma dovuta lili bhala paga ta' xoghol li diga' hdimt u lanqas l-ammont dovut lili bhala notice money, jiena kont kostrett niftah il-kawza odjerna. Fil-fatt qed infittex lis-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' mija u tmien liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm108.78) dovuti lili bhala rretrati ta' paga u l-ammont ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160) bhala gimghatejn paga dovuti lili bhala notice money".

Illi dwar dan is-socjeta' konvenuta baqghet ma qalet xejn u jidher li baqghet biss issostni fuq l-eccezzjoni taghha ta' l-abbandun. Anke fuq daqshekk pero' l-Qorti ma tahsibx li ghandha ragun. Fid-dawl tac-cirkostanzi u d-diskors li hu riportat minn xhieda diretta li qal "l-imghallem" - "mela ghidlu jmur id-dar u jibqa' hemm" - meta l-attur esprima l-inkapacita' tieghu li jgorr ic-cestini, huwa car bizzejjed li l-"imghallem" kien effettivament qieghed ikeccih.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thalsu l-ammont komplessiv ta' mitejn tmienja u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm268.78) bl-imghax mit-8 ta' Ottubru 1999 u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona

Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registraur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------